31994L0029

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/29/KE
tat-23 ta' Ġunju 1994
li temenda l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi u fuq iċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom oriġini mill-annimali rispettivament

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi u fuq iċ-ċereali [1], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni rċeviet mandat fil-qafas tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE biex tħejji lista ta' residwi tal-pestiċida u l-livelli massimi tagħhom għall-approvazzjoni mill-Kunsill;

Billi, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u l-kriterji tas-saħħa pubblika u l-agrikoltura, issa jinħass il-bżonn li l-Anness II għad-Direttivi msemmija hawn fuq ikun emendat biż-żieda tad-dispożizzjonijiet dwar ir-residwi tal-pestiċida oħrajn għaċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali, jiġifieri, *daminozide, lambda-cyhalothrin, ethephon, propiconazole, carbofuran, carbosulfan, benfuracarb, furathiocarb, cyfluthrin, metalaxyl, benalaxyl* u *fenarimol;*

Billi, b'dana kollu, it-tagħrif disponibbli mhuwiex biżżejjed għal ċerti kumbinazzjonijiet ta' pestiċida-ċereali/oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali skond kif inhu xieraq; billi perjodu ta' żmien, li ma jeċċedix aktar minn erba' snin, għandu jkun meħtieġ biex jiġġenera dan it-tagħrif; billi, għalhekk, il-livelli massimi għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1999; billi n-nuqqas li jkun ipprovdut tagħrif sodisfaċenti normalment iwassal fl-istabbiliment ta' livelli fil-limiti xierqa tad-determinazzjoni;

Billi, biex ikun ikkalkulat aħjar id-dħul tar-residwi tal-pestiċida fl-ikel, ikun prudenti li jkunu stabbiliti simultanjament, meta jkun possibbli, livelli massimi tar-residwu għall-pestiċidi individwali fil-komponenti kollha ewlenin ta' l-ikel; billi dawn il-livelli jirrappreżentaw l-użu tal-kwantitajiet minimi ta' pestiċida biex jinkiseb kontroll adekwat, applikat b'tali mod li l-ammont tar-residwu jkun l-iżgħar b'mod prattikabbli u jkun ukoll tossikoloġikament aċċettabbli;

Billi l-livelli massimi tar-residwu stabbiliti fid-Direttiva kurrenti għandhom ikunu rriveduti fil-qafas ta' ri-evalutazzjonijiet tas-sustanzi attivi li hemm provvediment dwarhom fil-programm ta' ħidma stabbilit fl-Anness 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [3],

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Ir-residwi tal-pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE:

Residwi tal-pestiċida	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)
42. CYFLUTHRIN, inklużi kostitwenti iżomeriċi mħallta oħrajn (is-somma ta' iżomeri)	0,05 (*): qamħirrun 0,02 (*): ċereali oħra
43. METALAXYL	0,05 (*)
44. BENALAXYL	0,05 (*)
45. FENARIMOL	(a): qamħ, xgħir 0,02 (*): ċereali oħra
46. PROPICONAZOLE	0,05 (*)

(*) Jindika limitu iehor ta' determinazzjoni analitika.

(1) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/57/KEE (ĠU L 211, tat-23.8.1993, p. 1).

(2) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/57/KEE (ĠU L 211, tat-23.8.1993, p. 1).

(3) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendat bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/71/KEE (ĠU L 221, tal-31.8.1993, p. 27

Residwi tal-pestiċida	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)
47. DAMINOZIDE, (is-somma ta' daminozide u 1,1-dimethylhydrazine espressa bħala daminozide)	0,02 (*)
48. LAMBDA-CYHALOTHRIN	0,05: xgħir 0,02 (*): ċereali oħra
49. ETHEPHON	(b): qamħirrun 0,2: qamħ u *triticale* 0,5: xgħir u sikrana 0,05 (*): ċereali oħra
50. CARBOFURAN (is-somma ta' *carbofuran* u 3-*hydroxycarofuran* espressa bħala *carbofuran*)	(ċ): ross u ħafur 0,1 (*): ċereali oħra
51. CARBOSULFAN	0,05 (*)
52. BENFURACARB	(b): qamħirrun 0,05 (*): ċereali oħra
53. FURATHIOCARB	0,05 (*)

(*) Jindika limitu ieħor ta' determinazzjoni analitika.
(a), (b) u (ċ) Mit-30 ta' Ġunju 1999 'il quddiem u minbarra għall-adozzjoni ta' livelli oħrajn, il-limiti massimi li ġejjin għandhom ikunu applikati kif indikat:
(a) : 0,02 (*)
(b) : 0,05 (*)
(ċ) : 0,1 (*)

L-Artikolu 2

1. Ir-residwi ta' pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm stabbiliti fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, *ex0208*, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602. (1) (4) [1] [4]	fil-ħalib tal-baqra u l-krema shiħa tal-ħalib tal-baqra li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nru 0401; għall-oġġetti l-oħra ta' l-ikel fl-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406 b'konformita ma' [2] u [4]	f'bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri 0407 00 u 0408 [3] [4]
15. CYFLUTHRIN, inklużi kostitwenti iżomeriċi mħallta oħrajn (is-somma ta' l-iżomeri)	0,05	0,02 (*)	0,02 (*)
16. LAMBDA-CYHALOTHRIN, inklużi kostitwenti iżomeriċi mħallta oħrajn (is-somma ta' l-iżomeri)	0,5 (barra 0207 laħam tat-tjur) 0,02 (*) (0207 laħam tat-tjur)	0,05	0,02 (*)

(*) Jindika l-limitu tad-determinazzjoni analitika.
(1) Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel b'kontenut ta' xaħam ta' 10 % jew anqas bil-piż, ir-residwu għandu jkun irrelatat għall-piż totali ta' l-oġġett ta' l-ikel bl-għadam. F'dawn il-każi, il-livell massimu għandu jkun ta' wieħed minn kull għaxra (1/10) tal-valur irrelatat mal-kontenut ta' xaħam, iżda għandu jkun mhux inqas minn 0,01 mg/kg.
(2) Fid-determinazzjoni tar-residwi fil-ħalib tal-baqra mhux maħdum jew fil-krema shiħa magħmula mill-ħalib tal-baqra, kontenut ta' xaħam ta' 4 % bil-piż għandu jittieħed bħala l-bażi. Għall-ħalib mhux maħdum u krema shiħa tal-ħalib ta' l-oriġini mill-annimali oħrajn, ir-residwi jiġu espressi fuq il-bażi tax-xaħam.Għall-oġġetti l-oħra ta' l-ikel li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406:
— b'kontenut ta' xaħam ta' anqas minn 2 % bil-piż, il-livell massimu għandu jittieħed bħala n-nofs ta' dak stabbilit għall-ħalib mhux maħdum u krema shiħa tal-ħalib,
— b'kontenut ta' xaħam ta' 2 % jew aktar bil-piż, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg ta' xaħam. F'dawn il-każi, il-livell massimu jkun 25 darba aktar minn dak stabbilit għal ħalib mhux maħdum u krema shiħa tal-ħalib.
(3) Għall-prodotti tal-bajd b'kontenut ta' xaħam oħla minn 10 %, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg ta' xaħam. F'dan il-każ il-livell massimu huwa ta' 10 darbiet oħla mil-livell massimu għall-bajd frisk.
(4) In-noti ([1]), ([2]) u ([3]) ma japplikawx meta l-limitu tad-determinazzjoni analitika jkun indikat.

2. Ir-residwi tal-pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-Parti B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	fil-laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	fil-bajd frisk bil-qoxra, fil-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408
17. FENARIMOL	Ex 0208(a) Fwied + kliewi 0,02 (*) prodotti oħra	0,02 (*)	0,02 (*)
18. METALAXYL	0,5 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
19. BENALAXYL	0,5 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
20. DAMINOZIDE (is-somma ta' daminozide u 1,1-dimethylhydrazine espressa bħala daminozide)	0,05	0,05 (*)	0,05 (*)
21. ETHEPHON	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
22. PROPICONAZOLE	Ex 0206 0,1 fwied minn annimali li jixtarru 0,05 prodotti oħrajn (*)	0,1 (*)	0,05 (*)
23. CARBOFURAN (is-somma ta' carbofuran u 3-hydroxycarbofuran espressa bħala carbofuran)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)
24. CARBOSULFAN	0,5 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
25. BENFURACARB	0,5 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
26. FURATHIOCARB	0,5 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

(*) Jindika l-limitu tad-determinazzjoni analitika.
(a) Mit-30 ta' Ġunju 1999 'il quddiem, u minbarra għall-adozzjoni ta' livelli oħrajn, il-limitu massimu li ġej għandu jkun japplika: 0,02.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1995.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn ta' l-aħħar għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella jkunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-23 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS